# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 972/97**

**Numru 35**

**ITC Limited**

**vs**

**Power Projects Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tigi kundannata li thallas lill-istess sojceta attrici is-somma ta' Lm797.55,0 (seba mija u seba u disghin lira Maltija hamsa u hamsin centezmi) prezz ta' merkanzija lis-socjeta konvenuta mibjugha u li s-socjeta konvenuta naqset li thallas.

Bl-ispejjes, inkuzi dawk tal-mandat ta' sekwestru nurmu 866/97 u tal-mandat ta' qbid numru 867/97 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (a fol 4 tal-process) li biha eccepiet:

Illi t-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha stante illi l-ammont mitlub fl-avviz m'huwiex dovut, u dan kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal a fol 36 tal-process.

Ikkunsidrat

Illi skond Joseph Camilleri ( a fol 8 u 12 tal-process) l-ammont indikat fl-avviz u pretiz mis-socjeta attrici hu difatti, bilanc dovut in rigward prezz ta' materjal konsenjat lis-socjeta konvenuta u konsistenti f'oggetti tal-elettriku u "plumbing". Skond dejjem l-istess xhud, li hu direttur tas-socjeta attrici, is-socjeta' konvenuta kienet qed tikkontendi

li hi ma hiex marbuta u obligata li thallsu in vista li kien hemm kwantita' ta' materjal ta' plumbing" li kellu jigi ritornat. In konnessjoni ma dan, l-istess socjeta attrici ma kienetx qed taqbel ma dan stante li l-oggetti li kellhom jigu ritornati ma jifformawx parti mill-ordni, li ghaliha tirreferi din il-kawza. Skond l-istess xhud l-oggetti li ghandhom jigu ritornati jinvolvu direttament, ditta barranja bl-isem ta' George Fisher u s-socjeta' konvenuta. In konnessjoni ma dan, l-istess xhud esebixxa diversi dokumenti sebgha b'kollox u li jinsabu "in atti" a fol 16 sa 21 tal-process".

Ikkunsidrat

Illi Godfrey Attard (fol 31 et seq tal-istess atti) bhala "general manager" tas-socjeta' konvenuta ikkonferma li s-socjeta' rappresentata minnu kienet xtrat "pipes u fittings" minghand dik attrici bil-patt, maghmul verbalment, li materjal mhux uzat kellu jigi ritornat lill-istess socjeta' attrici. Wara li s-socjeta konvenuta, bhala kuntrattur, kienet spiccat u kompletat "l-appalt relatat mal-istess oggetti, jidher li kien baqa' persentagg zghir ta' materjal li ma kienx intuza u b'hekk "skond il-ftehim ipprovajna nirritornawh lura". Hawnhekk hu ghamel referenza ghal dokument esebit mis-socjeta' attrici (a fol 20) ossija lista ta' oggetti ritornati, b'valur ta' Lm580. Skond ix-xhud, pero', in rigward l-oggetti hemm elenkati "xi hadd minn naha l-ohra ma accettahomx".

Referenza ohra saret ghad-dokument a fol 21 tal-atti li skond ix-xhud, hu ffirmat mis-socjeta' attrici u, ".... qed jaccettaw l-oggetti lura li gew ritornati" b'valur ta' Lm557.02,0, liema ammont ma hux kontestat mis-socjeta' konvenuta. Ix-xhud kompla jghid li hu minnu li hemm "bilanc ulterjuri dovut" pero dan ma thallasx minhabba ir-rifjut da parti tas-socjeta' attrici sabiex taccetta l-oggetti li ghandhom jigu ritornati.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' konvenuta ipproduciet ukoll bhala xhud lil Boris Farrugia (fol 13 et seq ibid), il-Kontrollur finanzjarju taghha li in rigward dan il-kaz ikkonferma fis-sustanza dak li xehed Joseph Camilleri, b'dokumenti numru fol 22 sa 26 in sostenn. Dan kompla jispjega li ghamlet sett off skond kif jidher mid-dokument li ser jesebixxi issa stess riferibilment ghal dak a fol 22.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, wara li saret referenza ghall-kontenzjuz f'din il-kawza ghandu jinghad is-segwenti:

1) Is-socjeta' konvenuta ma hiex qed tikkontesta il-konsenja tal-oggetti in kwistjoni jew il-prezz relattiv . Hi qed tikkontendi li a basi ta' ftehim

verbali bejn l-istess partijiet, parti mill-istess merkanzija kellha tigi ritornata lura lis-socjeta attrici ghax superfluwa ghall-bzonnijiet taghha. Dan il-punt hu kontestat mis-sojceta attrici kif jidher mix-xhieda ta' Joseph Camilleri.

Konsegwentement, is-socjeta konvenuta ma tistax teccepixxi b'xi mod, pagament bi tpacija ("set off") skond l-artikoli 1196 et tal-Kodici Civili.

2) Dan premess, kien jkun opportun ghas-socjeta konvenuta li, meta s-socjeta' attrici irrifjutat li tiehu lura l-oggetti li, allegatament din kellha tiehu lura, tiddipartihom taht l-Awtorita' tal-Qorti, liema depositu pero' ma sarx.

Illi fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ma tistax taccetta t-tesi tas-socjeta konvenuta izda trid takkolji t-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici is-somma ta' Lm779.55,0 bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Marzu 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorju ta' qbid u ta' sekwestru numru 866/97 u 867/97.

B'riserva "si et quatenus" ghal kull dritt spettanti lis-socjeta konvenuta.

Alan Calleja
Dep.Reg